MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru. 137/2000
Kawza Numru. 7

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Victor Grech li joqghod 354, Triq Manwel Dimech, Sliema, Malta.**
**Karta ta' Identita' Numru 761150(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-20 ta' Marzu 2000 ghall-habta tal-11.30 a.m. fuq il-bahar, qrib ix-Xatt l-Ahmar u fi Mgarr ix-Xini Ghawdex,

1. bhala persuna li f'ismu ghandu licenzja biex izomm arma tan-nar cioe` senter numru 686691 ta' marka Antonio Zoli ppermetta lill-ibnu Jason imwieled fit-13 ta' Jannar 1972 u joqghod Flat 8, Ent D, Triq il-Fuklar, Attard, Malta juza l-istess senter biex jikkaccja jew jipprova jikkaccja minn fuq il-bahar jew jipprova jiehu minn fuq il-

bahar ghasafar matul l-istagun maghluq ghat-tehid u l-kacca ta’ l-ghasafar minn fuq il-bahar,

2. talli bhala persuna li f’ismu ghandu licenzja biex izomm senter 686691 ippermetta lill-ibnu Jason jikkaccja jew jipprova jikkaccja minn fuq il-bahar jew jipprova jiehu minn fuq il-bahar bl-istess senter minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija,

3. talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm jew ikollu f’idejh arma tan-nar (senter) 686691 ta’ ghamla Antonio Zoli naqas li jzomm fil-kustodja tieghu b’mod li ma jkunx jista’ jigi f’idejn haddiehor.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tikkonfiska senter 686691 ta’ ghamla Antonio Zoli li ntuzat fir-reat u li hu esebit, oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca u taz-zamma tal-armi ta’ Victor Grech ghall-zmien mhux inqas minn sena.

Semghet il-provi;

Stante li ma tirrizultax ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------